MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 904/2012

**Khalil Sadegh Harrus**
**VS**
**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti :

Rat l-att tar-rikors mressaq fis-7 ta' Settembru 2012, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti gie notifikat permezz ta' seizure note illi gew maqbuda is-segwenti oggetti mill-intimat nhar l-4 ta'Settembru 2012:*

*1. 107,525 Skartocc*
*2. 57,456 Red –Bull Energy Drink*
*3. 188 – Toiletries*

*Illi ir-rikorrenti gie infurmat illi din is-seizure note [numru 50/2012] inharget minhabba illi fuq il-fattura instabu oggetti differenti minn dawk indikati fuqha, li l-importazzjoni ta' l-istess kienet soggetta ghal limitazzjoni jew ghat-tharis ta' kundizzjonijiet;*

*Illi ir-rikorrenti qed jikkontesta is-seizure note in desamina u qed jitlob ir-rilaxx limitatament tal-Energy Drinks Red Bull kif ukoll tat-toiletries;*

*Illi ir-rikorrenti huwa negozjant illi jesporta Energy Drinks u Toiletries regolarment lejn il-Libja. Illi ghandu jigi rilevat illi ma rrizulta xejn irregolari dwar dawn iz-zewg tipi ta' prodotti u in oltre ma kien hemm ebda dazju dovut li rrizulta li ma thallasx mir-rikorrenti;*

*Illi ir-rikorrenti jopera in-negozju tieghu billi jimporta prodotti ta' ikel, xorb u igjene minn Malta lejn il-Libja u dejjem hadem b'mod l-aktar regolari;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur ta' l-Artikolu 72 u 73 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta tordna ir-rilaxx ta' 57,456 Red-Bull Energy Drink u 188 toiletries salv kull provvediment xieraq u opportun.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta intimata u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati;

Rat illi kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi u mahsuba fl-Artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali (Dwana) tat-3 t'Ottubru 2012, illi taqra kif ser jinghad:

*(1) Illi in linea preliminari l-Avukat Generali mhux notifikat bir-Rikors odjern ai termini ta' l-Artikolu 181 (B) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(2) Illi in linea preliminari ukoll, il-mertu ta’ l-azzjoni odjerna huwa ezawrit a bazi tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tal-5 ta’ Settembru, 2012 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala v Khalil Sadegh Harrus) li illum hija res judicata stante li ma jirrizultax li gie intavolat appell, fejn il-Qorti koncernata ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti kif deskritti fin-Nota ta’ Qbid bin-numru 50/12 liema dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK ‘NQ’. Ghalhekk isegwi li a bazi ta’ l-imsemmija decizjoni, ir-rikorrenti ma jistax jikkontesta oggetti li m’ghandhomx proprjeta tieghu.*

*(3) Illi l-intimat jixtieq jiccara li hu gie notifikat bir-Rikors u l-Avviz tas-smiegh fid-19 ta’Settembru 2012 u li skond l-istess Avviz, il-primo appuntamento kien ghal-21 ta’Novembru 2012 fil-12.15, liema Avviz qed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK ‘A’.*

*(4) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*Illi permezz tan-Nota ta’ Qbid 50/2012, l-intimat qabad l-ammont ta’ mija u seba t’elef, hames mija u hamsa u ghoxrin (107,525) skartocc; l-ammont ta’ (57,456) seba u hamsin elf, erba mija u sitta u hamsin kontenitur tax-xarba Red Bull Energy Drink; u mija u tmienja u tmenin (188) toiletries varji fl-14 ta’ Awissu 2012 fejn ir-rikorrent kien qed jipprova jesporta illegatament lejn il-Libja l-imsemmija skratac li kienu mistura qalb l-oggetti l-ohra hawn indikati gol-container li jgib in-numru TGHU2214755. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ai fini ta’ tali tentattiv ta’ esportazzjoni li gie skopert mill-intimat, saret dikjarazzjoni skorretta datata 20 t’Awissu 2012 u cioe gew iddikjarati biss ir-Red Bull Energy Drinks u t-toiletries varji u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Illi a kuntrarju ta’ dak premess fir-Rikors in risposta, ir-rikorrent kien qed jipprova jesporta l-oggetti msemmija u mhux jimportaw kif gie erronjament indikat mir-rikorrent.*

*Illi fir-rigward tar-raba premessa fil-Rikors, l-intimat jirribatti li l-irregolarita li tikkoncerna l-konsenji ta' Red Bull Energy Drinks u tat-toiletries varji immaterjalizzat ruhha fil-mument li l-imsemmija oggetti intuzaw bhala cover- load sabiex tizvija lill-ufficjali tad-Dwana koncernati li kienu qed jivverifikaw tali esportazzjoni sa meta gie finalment skoperta l-illegalita konsistenti fit-tentattiv ta' esportazzjoni illegali ta' (107,525) skartocc li kienet diretta lejn il-Libja. Inoltre l-argument li ma kien hemm ebda dazju dovut fuq l-imsemmija oggetti hija kompletament irrelevanti ghall-kwistjoni odjerna stante li l-istess oggetti ma jiskattawx dazju.*

*(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, l-intimat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors bhala infondata fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni u ghad-data tas-smiegh tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Harrus tat-30 t'Ottubru 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Dwana) tat-8 ta' Novembru 2012;

Rat l-atti tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi **permezz tal-affidavit tieghu**, ir-rikorrenti Harrus ikkonferma illi kien xtara konsenja ta' skratacc, *Red –Bull Energy Drink* u *Toiletries* u xtaq jesportahom lejn il-Libja, u hekk ghamel. Meta din il-konsenja ma waslitx il-Libja, pprova jikkontattja lill-bejjiegh (Mark Agius) pero ma rnexxielux, ghalhekk ivjagga sa Malta u sab illi l-Pulizija,

flimkien mal-Ufficjali tad-Dwana, kienu intercettaw din il-konsenja. Harrus ikkonferma li ttiehdu passi kriminali kontra tieghu, u quddiem il-Qorti tal-Magistrati:

**"Hemmhekk wegibt ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghi".** (Vide fol 64)

Harrus ikkonferma li huwa hallas id-dazju dovut u l-multa inflitta mill-Qorti tal-Magistrati.

Huwa zied jghid li kien qieghed jitlob ghall-ripreza ta' 57,456 *Red –Bull Energy Drink* u 188 –il prodott tat-*Toiletries*, "**peress illi dawn kienu kompletament regolari**." (Vide fol 64)

Giet esebita in- Nota ta' Qbid tad-Dwana DOK 'A', (fol 2) ; DOK 'VD5' u 'VD6' (fol 61 u 65) u cioe hlas ta' multa ta' sitt mitt Ewro (€600) u ohra ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) da parti tar-rikorrenti.

Harrus rega' ikkonferma dana kollu fix-xhieda vivavoce a fol 74 u 75 tal-process, fejn zied jghid illi huwa kien il-Libja meta kien gie ppakkjat il-*container* rilevanti .

Spettur Rennie Stivala ikkonferma illi kien gie avzat mid-Dipartiment tad-Dwana illi kienu instabu kwantita kbira ta' skratacc u cioe' aktar minn mitt elf (100,000) skartocc, mohbija go *pallets* tar- *Red –Bull Energy Drink*. Dawn kienu mohbija f'kolonna fic-centru ta' dawn il-*pallets*, id-destinatarju kien ir-rikorrenti Harrus. L-Ispettur Stivala kkonferma li kien kellem lil Mark Agius u lir-rikorrent hekk kif dan wasal Malta, meta gie arrestat.

Spettur Stivala kkonferma illi r-rikorrenti Harrus ikkoopera kompletament mal-Pulizija u rrilaxxa stqarrija DOK 'KSH' (a fol 99).

Illi sussegwentement ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati **ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu**, **gie misjub hati tal-akkuzi kollha, kkundannat ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal-erba' (4) snin, kif ukoll gie kkundannat ihallas multa**

**ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) u ohra ta sitt mitt Ewro (€600) flimkien ma konfiska tal-oggetti kollha deskritti fin-Nota ta' Qbid 50/12** (vide sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, per Magt. Dr. Francesco Depasquele, esebita in atti a fol 23 sa 26)

**Ikkonsidrat :**

Illi mill-provi fuq prodotti huwa evidenti illi r-rikorrenti xtaq jesporta minn Malta kwantita kbira ta' skratacc lejn il-Libja u dana meta kien jaf, jew messu kien jaf li tali esportazzjoni kienet illegali minhabba s-Sanzjonijiet Internazzjonali vigenti, vide Artikolu 5 L.N.69 tas-sena 2011, li ratifikat rizoluzzjoni 1970 tas-sena 2011 addottata mis-*Security Council* tal-*United Nations* fis-16 ta'Frar 2011, u sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ratifikati permezz ta' Artikolu 5 et seq. L.N. 105 tas-sena 2011.

Illi din il-kwantita kbira ta' skratacc gew mohbija, jew mistura fil-parti centrali ta' konsenja ta' *Red –Bull Energy Drink* u varji *Toiletries* b'tali mod li dawn l-iskratacc tqieghdu f'kolonna centrali qalb il-prodotti tar- *Red –Bull Energy Drink* u *Toiletries,* **biex b'hekk il-prodotti tar-*Red –Bull Energy Drink* u *Toiletries* intuzaw biex jaghtu legalita apparenti ghall-munizjoni illegali.** Din hija dak illi jissejah ***cover load***, **u kwalunkwe prodott legali li jintuza biex jahbi prodotti illegali** (biex b'tali mod jizvija lill-Ufficjali tad-Dwana) **jigi minsus, jew kontaminat bl-istess illegalita illi jgorr il-munizjon.**

Infatti Artikolu 60 (f) u (g) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponu :

***"60 (f) jekk l-oggetti li taghhom hija ipprojbita l-esportazzjoni .... jingiebu fuq moll, bankina jek lok iehor f' Malta sabiex jittiehdu abbord ghall-esportazzjoni; jew***

***(g) jekk oggetti li taghhom hija iprojbita l-esportazzjoni jigu misjuba f'pakk li jigi pprezentat lill-Ufficjal tad-Dwana bhala li fih oggetti li m'humiex hekk ipprojbiti...;***

***...F'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu konfiskati, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom. "***

Il-konfiska tal-oggetti lamentati kienu gew konfiskati mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tal-5 ta' Settembru 2012, ai termini fost ohrajn ta' precizament dan l-Artikolu bis-sub-artikoli fuq citati.

**Ir-rikorrenti Harrus ma interpona ebda appell minn din is-sentenza.**

Ir-rikorrent qieghed jibbaza it-talba tieghu ghall-ripreza tal-oggetti konfiskati, ai termini tal-Artikoli 72 u 73 tal-Kapitolu 37, u il-Qorti **giet mistiedna testendi l-applikazzjoni ta' insenjament** moghti f' zewg sentenzi ghall-ripreza ta' oggetti **konfiskati taht il-Kap 101**.

Din il-Qorti tgharaf illi l-Artikoli 72 u 73 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami, il-ghaliex jidher illi dawn l-Artikoli jistghu jigu invokati ghall-ripreza ta' oggetti maqbuda mid-Dipartiment tad-Dwana, sal-mument li l-Qorti kompetenti tippronunzja sentenza finali ta'konfiska fuq l-istess.

Appena ppronunzjata sentenza finali ta' konfiska fuq l-oggetti maqbuda mid-Dipartiment tad-Dwana, it-titolu fuq dawn l-oggetti jghaddi fuq il-Gvern ta' Malta. Fi kliem iehor, il-proprjetarju ma jibqax ir-rikorrent, jew id-Dipartiment tad-Dwana izda isir il-Gvern ta' Malta. Fil-kaz in ezami, hekk kif iddekorra t-terminu tal-appell ghar-rikorrenti, il-konsenja tal-57,456 *Red-Bull Energy Drink* u 188 *Toiletries* saret proprjeta tal-Gvern ta' Malta.

Dan gie pjenament affermat mill-**Qorti tal-Appell** fis-6 t'Ottubru 2000 **per S.T.O. President Said Pullicino, u Mhallfin Filletti u Depasquale,** fis-sentenza **Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana**:

***“ L-Artikolu 72 (Kap 37) imsemmi mir-rikorrent jghid x’ghandu jaghmel sid il-hwejjeg maqbuda biex ma jhallix li dawn “jitqiesu konfiskati bis-sahha tal-ligi stess”. Jekk ir-rikorrenti ma jaghmilx dak li ghandu jaghmel fi zmien moghti lilu l-hwejjeg maqbuda jitqiesu konfiskati** <u>**ipso iure,**</u> **bla htiega ghall-awtoritajiet li jibdew proceduri huma ghall-konfiska. Jekk, izda s-sid jibda l-proceduri u l-Qorti taqta’ favur tieghu, l-konfiska ipso iure ma ssehhx izda dan ma jkunx ta’ ostakolu ghall-proceduri separati biex il-hwejjeg ikunu konfiskati mhux bis-sahha tal-ligi izda bis-sahha ta’ sentenza;***

***Issa li hemm il-konfiska bis-sahha ta’ sentenza, l-konfiska** <u>**ope legis**</u> **issir irrelevanti. Ma jkun ta’ ebda utilita’ ghar-rikorrenti li jevita l-konfiska ope legis jekk xorta tibqa’ ssehh dik bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati....”***

Dik il-Qorti kompliet tirritieni :

***“Hi ghal kollox f’postha l-osservazzjoni ta ’l-ewwel Qorti illi una volta l-oggetti gew konsifakti favur il-Gvern ta’ Malta bis-sahha ta’ sentenza ta’ Qorti kompetenti li ghaddiet in gudikat, dik il-proprjeta’ mhux biss ma baqghetx tar-rikorrenti appellant imma saret tal-Gvern ta’ Malta, izda cerament ma baqghetx fil-pussess ta’ l-intimat appellat Kontrollur tad-Dwana. Zgur allura li l-appellant ma setax jigi kkundannat biex jirrilaxxja a favur ta’ l-appellant l-oggetti minnu mportati, kif qed jitlob fir-rikors promotur li l-finalita’ tieghu giet allura ezawrita u, konsegwentament, huma wkoll inutli t-talbiet l-ohra li r-rikorrent jippremetti ghal din it-talba centrali.***

***In fatti, bhala konsegwenza tal-konfiska ordnata mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, tigi inevitabbilment ezawtorata is-setgha tal-Qorti kompetenti li tisma’ u tiddeciedi il-kawza dwar in-Nota ta’ Qbid fit-termini ta’ procediment specjali previst fl-Artikolu 73 tal-Kap 37 li tordna ir-radd lura tal-oggetti maqbuda lill-importatur... ...dan ghaliex kif inghad, il-proprjeta’ tal-***

***oggetti maqbuda bhala effett imedjat u dirett tal-konfiska pronunzjata fis-sentenza tghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."(vide vol. LXXXIV Pt.II Sez I (Pt.III) a fol. 906 u 907)***

Dan l-insenjament gie pienamant ikkonfermat b'diversi sentenzi fosthom :

***Diane Holdings Limited* (C34633) u *Cassar Fuels Limited* (C28453) vs Il-Kontrollur tad-Dwana** deciza fl-14 ta' Marzu, 2011 per **Imhallef Lino Farrugia Sacco:**

***"Id-dritt tal-persuna akkuzata jew tas-sid ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza seta' allura jipprosegwixxi bil-procediment specjali previst fl-artikoli 73 ta' l-Ordinanza biss u kwante volte dak id-dritt tieghu ma jkunx gie diga' definit b'sentenza ta' Qorti kompetenti li tkun diga' ordnat il-konfiska."***

Hekk ukoll gie ritenut fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell per **Imhallef Philip Sciberras** deciza fl-10 t' Ottubru, 2005 **Francis Xuereb f' ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` F. X. (*Garage*) *Company Limited* vs Kontrollur tad-Dwana**:

***"Din il-Qorti tifhem il-hsieb wara dan l-argoment in kwantu jekk il-proceduri penali jordnaw il-konfiska tal-vettura u din allura tghaddi mill-poter tal- Kontrollur fil-kontroll ta' l-Awtorita` kompetenti, ir-rikorrenti ma jkun jibqalu ebda interess guridiku li jagixxa qua proprjetarju tal-vettura. Dan fuq l-istregwa ta' dak dettat fis-sentenzi "L-Avukat Dottor Leo Bencini nomine -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. Said Pullicino, 15 ta' Dicembru 1992 u "Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana", Appell, 6 ta' Ottubru 2000."***

Vide ukoll sentenza Qorti tal-Appell Civili per **S.T.O Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin**

**Depasquale u Magri** deciza is-16 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Avv. Angelo Farrugia kif awtorizzat mis-socjetà *ZAO* (*JSC*) "*VEKT*"/Russia vs Kontrollur tad-Dwana**:

***"Illi ghalkemm mill-provi prodotti ghalhekk ma jirrizultax b'mod sodisfacenti ghal din il-Qorti illi l-affarijiet importati huma oggetti militari kif qed jallega l-Kontrollur tad- Dwana, anke ghaliex ma hemm xejn x'jipprova dan hlief id-deposizzjoni ta' persuni li ex admissis ma humiex esperti f'dan il-qasam, xorta wahda jirrizulta minn dak premess, li l-istess oggetti kienu dikjarati hazin, anke millistess rikorrenti, u dan kemm dwar in-natura u lkonsistenza taghhom, u kemm dwar id-destinatarju taghhom, u ghalhekk a bazi tal-premess, jidher li t-talbiet tar-rikorrenti ma ghandhomx jigu milqugha, stante li lintimat agixxa pjenament fil-kuntest tad-drittijiet tieghu ai termini tal-Kap 37. "Illi ghal dawk li huma sottomissjonijiet tar-rikorrenti, anke dwar il-proprjetà tal-istess oggetti, li in verità xejn ma tbiddel mill-fatti fuq esposti, u lanqas mill-konsegwenzi legali bbazati fuq l-istess fatti, huwa rilevanti li wiehed jirreferi wkoll ghal dak li jghid awtur Ingliz McFarlane fil-ktieb tieghu 'Customs and Excise, Law and Practice' fejn jikkwota l-kaz 'De Keyser v British Railway Traffic and Electric Co. Ltd' fejn inghad is-segwenti:-***

***'a motor wagon which was seized by Customs on the ground that it was being used for the conveyance of goods liable to forfeiture. At the time the wagon was subject to a hire purchase agreement between the operators and British Railway Traffic. The officers of the respondent company were totally unaware of and free from complicity in the transaction which led to the seizure. However it was held in the Divisional Court that the Court was bound to condemn the vehicle, and that it had no discretion to decline to do so on the ground of hardship to an innocent owner. Lord Hewart observed '… this undoubtedly rigorous statute gives the claimant no opportunity of asking the Court to take into consideration mitigating***

***circumstances …'. There is no opportunity for mercy with regard to a conveyance which has been forfeited. The only remedy available would be to institute an action against the persons who made use of such a vehicle in order to recover the damages of its loss'.***

***"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, din il-Qorti thoss li t-talba tar-rikorrent nomine ma tistax tintlaqa' fil-konfront tal-intimat salv kull dritt spettanti lilu kontra l-persuna jew persuni li kienu involuti f'dan in-negozju si et quatenus."***

Ara ukoll sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla per **Imhallef Anthony Ellul** deciza fit-30 ta' Lulju, 2012 fl-ismijiet **Mario Vella vs Kontrollur tad-Dwana**.

Il-Qorti kellha l-opportunita illi tistudja s-sentenzi per Onor Imhallef Joseph Zammit McKeon, deciza fid-29 ta' Settembru, 2009, Nazzareno Muscat vs Il-Kummisarju tal-Pulizija , u l-ohra per Onor. Imhallef Abigail Lofaro deciza fl-14 ta' Lulju 2011, Jason Cassar ID 245374M vs Kummisarju tal-Pulizija, li kienu jikkoncernaw konfiski ta' proprjeta in segwita ta' sejbien ta' htija ta' reati tat- traffikar tad-drogi fejn il-ligi specjali u cioe l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirregola ir-regim tal-konfiska.

Din il-Qorti taghraf li ma tista' bl-ebda mod testendi l-applikazzjoni ta' dak ritenut fiz-zewg sentenzi fuq citati ghall-kaz in dezamina, u dana ghas-segwenti ragunijiet :

1. Dik il-konfiska giet revokata mill-Qorti meta sabet illi l-proprjeta konfiskata **qatt ma kienet giet mixtrija mill-profitt jew dhul tal-ispacc tad-drogi.**

2. **Illi l-konfiska indikata fiz-zewg sentenzi, kienet regolata b'ligi specjali u cioe Kapitolu 101, li tiddetermina r-regim tal-konfiska f'dawk ic-cirkostanzi.**

3. Illi meta ligi specjali, (u cioe l-Kapitolu 37, l-Ordinanza tad-Dwana) tiddetermina r-regim tal-konfiska, **l-Qrati ta' Malta ma jistghux jigu korrettement mitluba biex jissostitwixxu dawk ir-regoli**, **b'regoli ta' regim iehor taht ligi specjali kompletament diversa**, u cioe il-ligi li tirregola l-konfiska taht l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101.

4. Wisq anqas ma jista' jigi estiz l-applikazzjoni ta'gurisprudenza rigwardanti konfiska b'rizultat ta' traffikar tad-drogi, meta hemm gurisprudenza abbundanti precizament fuq il-konfiska ta' oggetti maqbuda mid-Direttur Generali (Dwana) u sussegwentement konfiskati b'sentenza ta' Qorti kompetenti.

Illi ghall-dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti Khalil Sadegh Harrus, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur Generali (Dwana); bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Harrus.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------